MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 737/2013

Giuseppi Mangion a nom u fl-interess ta’ l-assenti ohtu Maria armla ta’ Peter Mangion u Annie mart Nazzareno Cilia
vs
Gejtano Refalo, Raymond Refalo, John Refalo, Mario Refalo, Tessie mart Lawrence Zammit, Emily Fenech mart John Fenech, Joseph Refalo, Grace Refalo

Francis armel ta’ Anna Azzopardi Stephanie Azzopardi, Analise Azzopardi u b’digriet tal-31 ta’ Ottubru, 2013 gie korrett ghal Annalise Azzopardi,

Noel Refalo, Kevin Refalo, Bradley Refalo Clint Refalo, Mary Refalo armla ta’ Salvu Refalo,

Ronnie Mifsud, Joe Mifsud, Mark Mifsud, Hilda Mifsud u b’digriet tal-31 ta’ Ottubru, 2013 gie korrett ghal Hilda Hubbard, Yvonne Mifsud u b’digriet tal-31 ta’ Ottubru, 2013 gie korrett ghal Yvonne Bonello,

Anthony Debono, Mario Debono, Michael Debono armel ta' Maria Debono

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi Giuseppi Mangion qieghed jagixxi f'din il-kawza bhala prokuratur ta' ohtu Maria armla ta' Peter Mangion assenti minn Malta skond prokura annessa mar-rikors (Dok A).

2. Illi Carmela Refalo li mietet fil-11 ta' Jannar 2011 (Dok B) b'testment tas-sitta (6) ta' Marzu 1991 fl-atti tan-nutar Dottor Mario Felice (Dok C, D, E) halliet bhala legat in piena proprjeta` l-fond 89 St. Michael Street, Marsa, lil Maria armla ta' Peter Mangion li hija assenti minn Malta u lil ohtha Annie mart Nazzareno Cilia, it-tnejn f'sehem indaqs bejnithom, bis-sostituzzjoni volgari favur id-dixxendenti rispettivi taghhom u altriment bid-dritt ta' l-akkrexximent bejnithom skond il-ligi.

3. Illi bl-istess testment Carmela Refalo innominat bhala eredi universali taghha liz-zewg neputijiet taghha (i) l-attur *nomine* Giuseppi Mangion (ii) lil Charles *sive* Carmelo Mangion li llum jinsab mejjet u (iii) lil huha Joseph Refalo li llum jinsab mejjet ukoll.

4. Illi kemm l-imsemmi Giuseppi Mangion u kemm l-eredi ta' Charles *sive* Carmelo Mangion immittew lill-imsemmija Maria armla ta' Peter Mangion u Annie mart Nazzareno Cilia fil-pussess tal-legat tal-fond 89, St Michael Street, Marsa.

5. Illi pero` l-eredi ta' Joseph Mangion, hu l-imsemmija Carmela Refalo, li jinsab mejjet qieghdin jirrifjutaw li jimmettu lill-atturi fil-pussess tal-legat imsemmi, ghalkemm gew interpellati biex jaghmlu l-immissjoni fil-pussess.

6. Illi l-imsemmi Joseph Mangion miet minghajr testment (Dok F, G, H).

7. Illi l-eredi ta Joseph Refalo huma uliedu l-ahwa Refalo li huma Gejtano Refalo, Raymond Refalo, John Refalo, Mario Refalo, Tessie mart Lawrence Zammit, Emily mart John Fenech, Joseph Refalo, Grace Refalo, kif ukoll l-uliedu mejta Anna Azzopardi mart Francis Azzopardi, Salvatore Refalo, Yvonne Mifsud mart Joseph Mifsud li hu mejjet ukoll, u Maria Debono mart Michael Debono.

8. Illi l-eredi ta’ Anna Azzopardi mart Francis nee` Refalo huma Stephanie u Analise Azzopardi u l-istess Francis Azzopardi armel ta’ Anna Azzopardi.

9. Illi l-eredi ta’ Salvatore Refalo huma uliedu Noel Refalo, Kevin Refalo, Bradley Refalo, Clint Refalo u Mary Refalo armla ta’ l-istess Salvatore Refalo.

10. Illi l-eredi ta’ Yvonne Mifsud huma Ronnie Mifsud, Joe Mifsud, Mark Mifsud, Hilda Mifsud u Yvonne Mifsud.

11. Illi l-eredi ta’ Maria Debono huma uliedha li huma Anthony Debono u Mario Debono u Michael Debono armel ta’ l-imsemmija Maria Debono.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. tikkundanna lill-intimati jimmettu lill-atturi fl-immissjoni tal-pussess tal-legat tal-fond 89, St. Michael Str., Marsa imholli lilhom bit-testment ta’ Carmela Refalo tas-6 ta’ Marzu 1991 in atti tan-Nutar Mario Felice fuq imsemmi f’ishma ugwali bejniethom u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss;

2. tinnomina nutar biex jippubblika l-kuntratt ta’ l-immissjoni fil-pussess;

3. tinnomina kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti fuq dan l-att.

Bl-ispejjez *in solidum* kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta' xhieda u d-dokument ezibiti mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat in-nota ta' l-intimat Noel Refalo (K.I. 12772M):
"Li biha qed jammetti t-talbiet attrici ghan-nom tal-konvenuti kollha."

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom, qed tikkundanna lill-intimati jimmettu lir-rikorrenti fl-immissjoni tal-pussess tal-legat tal-fond 89, St. Michael Str., Marsa imholli lilhom bit-testment ta' Carmela Refalo tas-6 ta' Marzu 1991 in atti tan-Nutar Mario Felice f'ishma ugwali bejniethom u dan fi zmien xahrejn.

Tinnomina lin-Nutar Sean Gambin biex jippubblika l-kuntratt ta' l-immissjoni fil-pussess.

Tinnomina lil Dr. Marie Elise Agius bhala Kuratrici biex tirrapprezenta lill-assenti fuq dan l-att.

Bl-ispejjez kulhadd skond is-sehem tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------